Sena 2010

# Ċentinarji u Anniversarji ta' interess għal Ħal Lija

Kitba ta' Guido Lanfranco



## 1460 – 550 sena ilu:

L-ewwel darba (c.1460) li jidher f'dokumentat l-isem tal-knisja l-qadima tas-Salvatur meta tħallew legati għall-festa. (Fenech, p.13)

## 1610 – 400 sena ilu:

F'din is-sena nbniet il-koppla tal-knisja l-qadima tas-Salvatur. (Mahoney, pl.80, p.177)



Salvatur il-Qadim

L-irħula żgħar ta' Ħal Mann u Ħal Bordi fil-limiti ta' Ħ'Attard talbu li jingħaqdu ma' Ħal Lija għax ma kinux moqdijin tajjeb. Il-kurja aċċettat it-talba u f'Jannar 1610 il-knisja ta' San Bert (ta' Ħal Mann) u l-oħra tal-Assunta (ta' Ħal Bordi) bdew jagħmlu mal-parroċċa ta' Ħal Lija. (Azzopardi, N. p.9)

## 1660 – 350 sena ilu:

Dun Klemente Moreo, li kien laħaq kappillan fl-1645, miet fil-15 ta' Frar tal-1660. Wara l-mewt ta' Moreo sar ir-raba' kappillan, Dun Pietro Agius, li kien ilu tliet snin vigarju kurat f'Ħal Lija fejn kien twieled fl-1607. Dam kappillan sal-1685 meta miet ta' 78 sena fit-8 ta' Marzu u difnuh f'Ħal Lija stess. (Terribile, p.208; Ferris, p.446; Borg V., p.86; Mifsud, p.33; Tabor, p.138)

## 1710 – 300 sena ilu:

L-Isqof Cocco Palmieri għamel viżta pastorali f'Ħal Lija. Fost affarijiet oħra rrimarka li l-kwardu titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Mattia Preti ġa kien f'postu fl-1709. (Terribile, p.138)

Il-kapumastru Giovanni Barbara (1642-1728) iddisinja u lesta l-bini tal-knisja parrokkjali bejn l-1694 u l-1710. Barbara kien wieħed milli tqabbdu mill-Gran Mastru biex jirrappurtaw fuq il-ħsarat tat-terremot li kien sar fl-1693. Jidher li l-faċċata tal-knisja l-ġdida għandha ħafna minn dik tal-katidral tal-Imdina. (Thake, p.82; Hughes, p.137)

Il-fratellanza tas-Sagrament ta' Ħal Lija, li twaqqfet fl-1575, għamlet standart ġdid u ordnat kurċifiss bil-korp maħdum minn Nazju Portelli u salib tal-ebbanu li nħadem minn Goachin Wizzini. (Borg, p.18; Sciberras, p.183; Debono, p.42)

Giuseppe d'Arena kien ġie kkummissjonat biex ipinġi nkwatru bil-Madonna u l-Bambin ma' Santu Rokku u San Sebastjan, il-qaddisin tal-pesta, biex jitqiegħed minflok ieħor li kien sar bħala *ex voto* fil-pesta tal-1676; l-inkwatru l-antik ittieħed fil-knisja l-qadima tas-Salvatur. L-artist tħallas 45 skud fil-15 ta' Settembru tal-1710. (Buhagiar, 1983, p.17, 41; Buhagiar, 1988, p.109; Mallia Milanes, p.566; Borg, p.51; Sciberras, p.68; Theuma, p.122; Terribile, p.149)

## 1910 – 100 sena ilu:

Din is-sena nħadem orgni għall-knisja minn Alfio Laudani u Giovanni Giudici ta' Palermo. (Agius Muscat, p.25)

Fl-1910 twieled f'Ħal Lija, fid-19 ta' Diċembru, Ġeraldu Azzopardi, ġurnalist u attivist Laburista li kien involut ukoll fit-twaqqif tal-monumenti tas-*Sette Giugno* u ta' Manwel Dimech fil-Belt Valletta u fil-formazzjoni tal-Għaqda Maltija-Sovjetika. Kien ukoll kittieb dwar Manwel Dimech. Miet fl-10 ta' Mejju 1993. (Schiavone, 2009 p.132, u 1997, p.40; Zammit Marmarà, p.362; Azzopardi Ż., p'69)

## 1935 – 75 sena ilu:

Twieled Dun Alfred Xuereb li kien sar kappillan ta' Ħal Lija fl-1970 u dam sal-1991 meta mbagħad laħaq Monsinjur. Qabel kien ukoll kappillan ta' Marsaxlokk. (Azzopardi, N., p.69)



Mons. Alfred Xuereb

## 1950 – 60 sena ilu:

Il-knisja ta' San Pietru kienet għaddiet minn diversi tibdiliet strutturali u, minbarra li antikament kienet reġgħet inbniet fl-1728, fl-1916 għaqqduha mad-dar tas-sorijiet Dumnikani ta' Ħal Lija. Fl-1950 kien żdied kampnar żgħir u fih tqiegħdet qanpiena qadima li darba kienet ġiet irregalata lil din il-knisja minn Dun Carmelo Lia meta kien kappillan mill-1930 sal-1954. (Terribile, pp.xv, 197; Guillaumier, p.360)



Dun Benditt Fsadni
Kappillan

## 1960 – 50 sena ilu:

Joseph Zammit Cordina (1929-2004), attur magħruf, kien ukoll dilettant tat-tpinġija u fl-1960 pinġa r-ritratt tal-Kanonku Benedetto Fsadni. Dan ir-ritratt jinsab fil-Każin Sant'Andrija f'Ħal Lija.

**Referenzi**


Agius Muscat, Hugo (1998), *Old Organs in Malta and Gozo.*
Azzopardi, Ġeraldu (1984), *Il-Fundaturi tal-Partit tal-Ħaddiema.*
Azzopardi, Nazzarenu (2006), *Lija Past and Present.*
Borg, Vincent (Ed.) (1982), *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.*
Buhagiar, Mario (1988), *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900.*
Buhagiar, Mario (Ed.) (1983), *Marian Art During the 17th and 18th Centuries.*
Debono, Sandro (2005), *Imago Dei, Sculpted Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta.*
Fenech, Ġużepp (1994), *Ħal Lija, Ħarsa Lejn l-Imgħoddi.*
Ferris, Achille (1866), *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo.*
Galea, Francis (2000), *Mexxejja, Ħassieba u Deputati Laburisti.*
Guillaumier, Alfie (2002), *Bliet u Rħula Maltin,* vol. I.
Hughes, Quentin u Thake, Conrad (2003), *Malta the Baroque Island.*
Mahoney, Leonard (1988) *A History of Maltese Architecture.*
Mallia Milanes, Victor (1993), *Hospitaller Malta 1530-1798.*
Mifsud, S. (1932), Tifchira tal Festi Solenni f'Ħal Lija.
Schiavone, Michael (2009), *Dictionary of Maltese Biographies,* vol. I A-F.
Schiavone, Michael u Scerri, Louis (1997), *Maltese Biographies of the Twentieth Century.*
Sciberras, Kieth (2003), *L-Arti Barokka f'Malta.*
*Tabor* Leħen il-Kumitat Ċiviku, Ħal Lija (1973).
Terribile, Tony (2005), *Teżori fil-Knejjes Maltin* vol. III - Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal Lija.
Thake, Conrad (1995), *Baroque Churches in Malta.*
Theuma, Ġużeppi (2006), *L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti.*
Zammit Marmarà, Desmond (2005), *L-Almanakk tal-Partit Laburista.*